

Brussell, 28 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

14597/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0326 (BUD)

FIN 1256
SOC 704

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Ottubru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 621 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall- Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill- Iżvezja – EGF/2025/003 SE/Northvolt

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 621 final.

Mehmuż: COM(2025) 621 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2025
COM(2025) 621 final

2025/0326 (BUD)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Iżvezja – EGF/2025/003 SE/Northvolt**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013¹.
2. Fis-16 ta' Ġunju 2025, l-Iżvezja ppreżentat applikazzjoni EGF/2025/003 SE/Northvolt għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara sensji f'Northvolt (Northvolt AB) u s-sussidjarji tagħha kif ukoll fi 13-il sottokuntrattur, fornitur u produttur downstream fl-Iżvezja.
3. Wara l-valutazzjoni li għamlet ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament (UE) 2021/691, il-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

Applikazzjoni FEG	EGF/2025/003 SE/Northvolt
Stat Membru	L-Iżvezja
Reġjun(i) ikkonċernat(i) (il-livell ² NUTS 2)	Övre Norrland (SE33) Stokkolma (SE11) Östra Mellansverige (SE12)
Data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni	Is-16 ta' Ġunju 2025
Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni	Is-16 ta' Ġunju 2025
Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali	L-4 ta' Awwissu 2025
Skadenza għall-għoti tal-informazzjoni addizzjonali	Is-26 ta' Awwissu 2025
Skadenza għat-tlestija tal-valutazzjoni	L-4 ta' Novembru 2025
Kriterju ta' intervent	L-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691
Intrapriża primarja	Northvolt (Northvolt AB)
Għadd ta' intrapriżi kkonċernati ³	14
Settur tal-attività ekonomika tal-intrapriża	Id-Diviżjoni 71 (Attivitajiet tal-

¹ ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

² Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2019/1755 tat-8 ta' Awwissu 2019 li jemenda l-Annessi tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). ĠU L 270, 24.10.2019, p. 1–56.

³ Din iċ-ċifra tinkludi wkoll is-sensji barra mill-perjodu ta' referenza f'Northvolt (inklużi s-sussidjarji) kif ukoll f'Adecco Sweden AB, Away Group AB, Dongjin Sweden AB, Falck Sverige AB, Kubli Bod AB, Randstad AB, Sodexo AB, u Uggle Engineering Sweden AB.

primarja (Id-diviżjoni tan-NACE Reviżjoni 2) ⁴	arkitettura u tal-inġinerija; ittestjar u analiżi tekniċi)
Għadd ta' sottokuntratturi, fornituri u produtturi downstream ⁵	8
Perjodu ta' referenza (4 xhur):	Mit-28 ta' Novembru 2024 sat-28 ta' Marzu 2025
Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a)	5 829
Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b)	657
Għadd totali ta' sensji (a + b)	6 486
Għadd totali ta' beneficijarji eliġibbli	6 486
Għadd totali ta' beneficijarji fil-mira	5 800
Baġit għal servizzi personalizzati (EUR)	13 663 977
Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁶ (EUR)	546 560
Baġit totali (EUR)	14 210 537
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (EUR)	8 526 322

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Proċedura

4. L-Iżvezja ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2025/003 SE/Northvolt fi żmien 12-il ġimġha mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, fis-16 ta' Ġunju 2025. Il-Kummissjoni kkonfermat il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess data. Fit-18 ta' Lulju 2025, il-Kummissjoni rċeviet it-traduzzjoni tal-applikazzjoni u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Iżvezja fl-4 ta' Awwissu 2025. Din l-informazzjoni addizzjonali nġatat fi żmien 15-il jum ta' xogħol mit-talba. L-iskadenza ta' 50 jum ta' xogħol mill-wasla tal-applikazzjoni kompluta li fiha l-Kummissjoni għandha tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-ġhoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja tiskadi fl-4 ta' Novembru 2025.

Eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriża u beneficijarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni hija relatata ma' 5 829 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet f'Northvolt (Northvolt AB) u s-sussidjarji tagħha, kif ukoll fi 8 sottokuntratturi, fornituri, u produtturi downstream. L-intrapriża primarja operat fis-setturi ekonomiċi kklassifikati skont id-diviżjoni 71 tan-NACE Reviżjoni 2 (Attivitajiet tal-arkitettura u tal-inġinerija; ittestjar u analiżi tekniċi). Is-sensji li saru minn Northvolt jinsabu prinċipalment fir-reġjuni NUTS 2 ta' Övre Norrland (SE33), Stokkolma (SE11), u Östra Mellansverige (SE12).

⁴ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

⁵ Din iċ-ċifra hija relatata mas-sensji fil-perjodu ta' referenza.

⁶ F'konformità mal-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691.

Intrapriżi u għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza			
Intrapriża primarja u sussidjarji ⁷		Sottokuntratturi, fornituri, produtturi downstream	
Northvolt AB	1 013	Adecco Sweden AB	2
Northvolt Ett AB	3 456	Compass Group AB	15
Northvolt Revolt AB	332	Dongjin Sweden AB	11
Northvolt Systems AB	191	Kedali AB	35
Northvolt Fem AB	10	Kjell Grenholm Åkeri AB	3
Northvolt Labs AB	492	Linotolgov AB	25
Novo Energy Production AB	54	Sodexo AB	167
Novo Energy R&D AB	3	Titan konstruktion AB	10
Novo Energy AB	10		
Northvolt – total	5 561		
Għadd totali ta' intrapriži⁸: 9		Għadd totali ta' sensji:	5 829

Kriterji ta' intervent

6. L-Iżvezja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jeħtieġ il-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' 4 xhur f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'fornituri u fi produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur għall-applikazzjoni jibda mit-28 ta' Novembru 2024 sat-28 ta' Marzu 2025.
8. Il-waqfien tal-attività matul il-perjodu ta' referenza seħħ kif ġej:
 - 5 561 ħaddiem issensjat f'Northvolt,
 - 268 ħaddiem issensjat fi 8 sottokuntratturi, fornituri u produtturi downstream ta' Northvolt.

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien tal-attività

9. Skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (a), flimkien mal-Artikolu 5, l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691, il-waqfien tal-attivitàjiet tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza ġie kkalkolat kif ġej:
 - 4 552 mid-data li fiha kull impjegatur, f'konformità mal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE⁹, innotifika bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi mbassra. L-Iżvezja kkonfermat qabel id-data tat-tlestija tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni, li dawn l-4 552 sensja tabilħaqq ingħataw,

⁷ Novo Energy Production AB, Novo Energy R&D AB, u Novo Energy AB twaqqfu bħala impriżi konġunti ta' Northvolt u ta' Volvo Cars. Fil-bidu tas-sena 2025, Volvo Cars akkwistat l-ishma kollha sabiex tkun l-unika proprjetarja tal-kumpaniji.

⁸ L-intrapriża primarja Northvolt inklużi s-sussidjarji u tmien sottokuntratturi, fornituri, u produtturi downstream.

⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

- 1 277 mid-data tat-terminazzjoni *de facto* tal-kuntratt ta' impjieg jew l-iskadenza tiegħu.

Benefiċjarji eliġibbli

10. Minbarra l-ħaddiema li diġà ssemmew, il-benefiċjarji eliġibbli jinkludu 657 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet qabel jew wara l-perjodu ta' referenza ta' 4 xhur. Dawn il-ħaddiema kollha waqqfu l-attività tagħhom fi żmien is-6 xhur ta' qabel il-bidu tal-perjodu ta' referenza fit-28 ta' Novembru 2024 jew bejn it-tmiem tal-perjodu ta' referenza u l-jum qabel l-adozzjoni ta' din il-proposta, skont l-Artikolu 6, l-ewwel paragrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691. Tista' tiġi stabbilita rabta kawżali ċara mal-avveniment li wassal għall-waqfien tal-attività tal-ħaddiema ssensjati matul il-perjodu ta' referenza, kif meħtieġ mill-Artikolu 6, it-tieni paragrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.
11. L-għadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 6 486.

Deskrizzjoni tal-avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien tal-attività

12. L-avveniment li wassal għal dawn is-sensji huwa avveniment ta' ristrutturar kbir li jikkonċerna lil Northvolt AB, segwit mill-falliment tal-intrapriża. Bħala effett indirett, mewġa iżgħar oħra ta' sensji laqtet lis-sottokuntratturi, lill-fornituri, u lill-produtturi downstream tal-intrapriża.
13. Northvolt AB twaqqfet minn investituri privati fl-2016 f'tentattiv biex tiġi stabbilita industrija Ewropea tal-batteriji u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-manifatturi Ċiniżi. Northvolt bniet fabbrika tal-batteriji fil-muniċipalità ta' Skellefteå. Din il-fabbrika, imsejħa Northvolt Ett (Northvolt One), kienet ġiet stabbilita bil-għan li timmanifattura batteriji tal-joni tal-litju għall-karozzi elettriċi u għall-ħżin tal-enerġija. Barra minn hekk, Northvolt Labs ġiet stabbilita bħala kampus ta' riċerka fil-muniċipalità ta' Västerås.
14. Northvolt Ett infetħet f'Ġunju 2022. Madankollu, malajr dehru problemi serji fil-proċess tal-produzzjoni. Matul l-2023, il-produzzjoni f'Northvolt Ett kienet tilħaq biss 0,5 % tal-kapaċità inizjalment ippjanata tagħha. Minħabba dan id-dewmien, klijenti ewlenin ta' Northvolt kienu mġiegħla jikkancelaw l-ordnijiet tagħhom.
15. Fl-istess ħin, il-produtturi Ċiniżi tal-batteriji setgħu jbigħu batteriji b'nofs il-prezz meta mqabbla ma' Northvolt, minħabba s-sussidji mill-Istat. B'konsegwenza tad-dominanza Ċiniża, u fi sforz biex ikunu indipendenti mill-produtturi Ċiniżi, ħafna ekonomiji dinjija ssussidjaw ħafna wkoll il-produzzjoni tal-batteriji tagħhom stess.
16. L-isforzi biex jinkisbu ishma mis-suq wasslu għal provvista żejda tremenda ta' batteriji, b'kapaċitajiet ta' produzzjoni mħabbra li jaqbżu sew id-domanda mbassra. Il-produtturi Ċiniżi waħedhom ipproduċew biżżejjed batteriji biex jissodisfaw id-domanda globali. Il-falliment ta' Northvolt huwa għalhekk sinjal ta' korrezzjonijiet inevitabbli tas-suq fid-dawl tal-isfidi tal-kapaċità żejda.
17. B'konsegwenza ta' reviżjoni strateġika, fit-23 ta' Settembru 2024, Northvolt ħabbret tnaqqis estensiv fil-persunal, fejn total ta' 1 600 impjegat ingħataw avviż ta' terminazzjoni.
18. Fit-12 ta' Marzu 2025, Northvolt ġiet iddikjarata falluta. Il-produzzjoni kompliet sat-22 ta' Mejju 2025, meta l-aħħar klijent li kien fadal iddeċieda li jibdel il-fornitur.
19. Fis-7 ta' Awwissu 2025, Lyten, kumpanija start-up Amerikana, ħabbret l-intenzjoni li tieħu f'idejha l-produzzjoni tal-batteriji ta' Northvolt. Din it-tranżazzjoni bħalissa

qed tiġi approvata mill-awtoritajiet Żvediżi. Għadu mhux ċar meta l-produzzjoni tista' terġa' tibda, u kemm ħaddiema jistgħu jiġu impjegati mill-ġdid.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija lokali, reġjonali jew nazzjonali u tal-impjiegi

20. Il-falliment ta' Northvolt huwa l-akbar falliment fl-Iżvezja fiż-żminijiet moderni. Is-sensji seħħew fis-siti ta' Northvolt fi Skellefteå, f'Västerås u fi Stokkolma. Madankollu, meta titqies il-kapaċità ta' assorbiment tas-swieq tax-xogħol lokali, l-għadd ta' sensji fil-bliet rispettivi, kif ukoll il-profilu tal-impjiegi primarjament orjentati lejn ir-riċerka u l-ġestjoni tal-forza tax-xogħol affettwata, l-awtoritajiet Żvediżi ma jistennaw l-ebda impatt kbir fil-bliet ta' Västerås u Stokkolma. B'aktar minn 5 000 sensja, l-impatt fuq il-belt ta' Skellefteå (popolazzjoni ta' 36 000 fil-belt u 77 000 fil-muniċipalità) huwa sever. Għalhekk, l-awtoritajiet Żvediżi ddeċidew li jiffukaw l-assistenza tal-FEG fuq Skellefteå. Madankollu, il-forza tax-xogħol f'Västerås u fi Stokkolma se tiġi infurmata dwar il-possibbiltà ta' miżuri tal-FEG, u l-assistenza se tingħata fuq talba.
21. Il-belt ta' Skellefteå fit-Tramuntana tal-Iżvezja għaddiet minn perjodu ta' trasformazzjoni. Bil-għan li jitwaqqaf it-tnaqqis fil-popolazzjoni, ir-reġjun żgħira investimenti strutturali kbar li flimkien ma' strateġija ta' żvilupp li tiffoka fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, attiraw investituri. Il-fabbrika tal-batteriji ta' Northvolt kienet katalist għall-iżvilupp ekonomiku tar-reġjun.
22. Fil-bidu tal-2024, kien għad hemm diversi eluf ta' postijiet battala rrapportati fi Skellefteå, u r-rata tal-qgħad kienet ta' 2,9 %. Madankollu, wara l-falliment ta' Northvolt, il-qgħad żdied drastikament għal 8,2 % f'April 2025.
23. Hemm biża' kbira li s-sensji jistgħu jwasslu għal eżodu ta' mhuġ. Ftit snin ilu biss, ħafna ħaddiema kienu mxew lejn il-belt biex jaħdmu f'Northvolt. Barra minn hekk, 40 % tal-forza tax-xogħol ta' Northvolt kienu ċittadini ta' pajjiżi terzi, li l-permessi tax-xogħol u tar-residenza tagħhom kienu dipendenti fuq l-impjieg tagħhom. Sabiex jinżamm it-talent, huma meħtieġa sforzi kbar biex jgħinuhom isibu impjieg ġdid malajr, preferibbilment fir-reġjun.
24. Ħafna mill-ħaddiema ssensjati għandhom hili partikolari fil-qasam tal-produzzjoni u tal-inġinerija tal-batteriji. Jistgħu jkunu meħtieġa miżuri mmirati biex jgħinu lil dawn in-nies isibu rwoli ġodda f'industriji oħra li qed jikbru fir-reġjun. It-taħriġ u t-titjib tal-ħiliet se jkunu kruċjali biex jittaffew l-effetti fit-tul fuq il-qgħad.

Applikazzjoni tal-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar (QFR, Quality Framework)

25. L-Iżvezja ddeskriviet kif tqiesu r-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fil-Qafas tal-Kwalità tal-UE għall-antiċipazzjoni tal-bidla u r-ristrutturar: Qabel ma falliet, Northvolt kienet ħadet ħsieb parti mill-forza tax-xogħol tagħha li ntlaqtet b'mod negattiv mir-ristrutturar fuq skala kbira tagħha fil-ħarifa tal-2024. L-intrapriża kienet ikkonkludiet ftehim kollettiv mat-trade unions. Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li l-permess tax-xogħol u tar-residenza tagħhom kien jiddependi mill-kuntratt ta' impjieg tagħhom, ġew offruti pakketti ta' rilokazzjoni.
26. Fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa biex jassistu lill-ħaddiema ssensjati, l-Iżvezja rrapportat li l-ħaddiema ġew meġġuna mill-Kunsilli Żvediżi għas-Sigurtà tal-

Impjiegi TRR u TSL¹⁰. Dawn l-entitajiet ġew stabbiliti permezz ta' ftehimiet kollettivi bejn l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi u tal-impjegati biex jiffinanzjaw l-appoġġ għat-tranżizzjoni għall-impjegati affettwati mis-sensji. Madankollu, mhumiex koperti l-persuni bi storja insuffiċjenti ta' impjiegi, u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt permanenti ta' residenza.

Kumplimentarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

27. L-Iżvezja kkonfermat li l-miżuri deskritti hawn taħt li jirċievu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ma humiex se jirċievu wkoll kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni.
28. Il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati jikkomplementa l-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew privati, jiġifieri s-sett regolari ta' miżuri offruti mis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, kif ukoll daww offriti mill-Kunsilli Żvediżi għas-Sigurtà tal-Impjiegi TRR u TSL. Dan huwa kkomplementat ukoll minn aktar fondi tal-UE, peress li ġiet ippubblikata sejħa skont il-programm nazzjonali tal-FSE+ biex tingħata spinta lill-bini tal-kapaċità fir-reġjun affettwat bil-għan li terġa' tingħata l-ħajja lis-suq tax-xogħol.

Proċeduri għall-konsultazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira jew tar-rappreżentanti tagħhom jew tas-sħab soċjali kif ukoll tal-awtoritajiet lokali u reġjonali

29. L-Iżvezja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati tfassal f'konsultazzjoni mat-trade unions bħala rappreżentanti tal-benefiċjarji fil-mira, kif ukoll mas-sħab soċjali, f'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) 2021/691. Fit-22 ta' Ottubru 2024, saret l-ewwel laqgħa bejn l-intrapriża li tat is-sensji, it-trade unions, is-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi, kif ukoll il-Kunsilli Żvediżi għas-Sigurtà tal-Impjiegi TRR u TSL. Matul din il-laqgħa, twaqqaf grupp ta' ħidma bir-rappreżentanti ta' dawn l-organizzazzjonijiet.
30. Il-grupp ta' ħidma qabel ukoll dwar l-applikazzjoni għall-assistenza tal-FEG, u dwar it-tfassil ta' pakkett ta' miżuri f'konformità mal-istrateġiji ta' żvilupp lokali u reġjonali u mal-ħtiġijiet tal-impjegaturi.

Benefiċjarji fil-mira u miżuri proposti

Benefiċjarji fil-mira

31. L-għadd stmat ta' ħaddiema ssensjati li huma mistennija jipparteċipaw fil-miżuri huwa ta' 5 800. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2021/691, id-diżaggregazzjoni pprovduta ta' dawn il-ħaddiema skont il-ġeneru, il-grupp ta' età u l-livell ta' edukazzjoni hija kif ġej:

Kategorija		Għadd ta' benefiċjarji mistennija	
Ġeneru:	Irġiel:	4 126	(71,1 %)
	Nisa:	1 674	(28,9 %)
	Mhux binarji	0	(0 %)
Grupp ta' Taħt it-30 sena:		1 682	(29,0 %)

¹⁰ TRR (Trygghetsrådet) qed jappoġġa lill-impjegati mhux manwali u TSL (Trygghetsfonden) qed jappoġġa lill-impjegati manwali.

età:			
	30–54 sena:	3 944	(68,0 %)
	Aktar minn 54 sena:	174	(3,0 %)
Livell ta' edukazzjoni	Edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew inqas ¹¹	348	(6,0 %)
	Edukazzjoni sekondarja tat-tieni livell ¹² jew postsekondarja ¹³	1 740	(30,0 %)
	Edukazzjoni terzjarja ¹⁴	3 712	(64,0 %)

Il-miżuri proposti

32. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (h), tar-Regolament (UE) 2021/691, il-pakkett ikkoordinat personalizzat li għandu jiġi pprovdut lill-ħaddiema ssensjati jikkonsisti mill-miżuri li ġejjin:
- Valutazzjoni fil-fond u ppjanar individwali: Din il-miżura hija l-qalba tal-assistenza individwali għat-tiftix ta' impjieg. Din tkopri sessjonijiet fil-fond ma' kowċ individwali.
 - Attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg u kkwċjar: Jiġu offruti kemm miżuri individwali kif ukoll ta' grupp, u jiġi kopert l-ikkowċjar għal sessjonijiet ta' kuntatt individwali ma' impjegaturi potenzjali, sessjonijiet ta' ħidma, jew taħditiet motivazzjonali. Il-fornituri tas-servizzi privati akkwistati mis-Servizz Pubbliku tal-Impjieg joffru appoġġ individwalizzat u komprensiv fil-valutazzjoni tal-ħiliet ta' persuna, u biex wieħed isib impjieg.
 - Appoġġ biex wieħed jibda n-negozju tiegħu stess: Taħriġ offrut minn konsulent estern lil dawk interessati biex jibdew in-negozju tagħhom stess.
 - Appoġġ għall-investment start-up: Persuni li qed ifittxu impjieg li jibdew il-kumpanija tagħhom stess se jkollhom l-opportunità li japplikaw għal appoġġ speċifiku għall-investment sa EUR 22 000. Dan jista' jintuża għall-investimenti u t-tagħmir inizjali, il-kostijiet tal-iżvilupp tan-negozju, is-soluzzjonijiet diġitali u l-kummerċjalizzazzjoni.
 - Taħriġ għas-suq tax-xogħol: Sessjonijiet qosra u prattiċi ta' taħriġ vokazzjonali offruti mis-Servizz Pubbliku tal-Impjieg li huma mmirati lejn persuni li qed ifittxu impjieg u li l-għan tagħhom hu li jqabblu l-ħiliet f'okkupazzjonijiet nieqsa mill-ħaddiema u jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali tal-impjieg fis-suq tax-xogħol. Dan jista' jinkludi l-użu ta' mikrokredenzjali għar-rikonoxximent tal-apprendiment miksub.

¹¹ ISCED (Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni) 0–2

¹² ISCED 3

¹³ ISCED 4

¹⁴ ISCED (Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni) 5–8

- Korsijiet ta' taħriġ fis-sistema edukattiva regolari: Dawn il-korsijiet huma korsijiet ta' mill-inqas sentejn, offruti minn istituti ta' taħriġ jew mis-sistema tal-edukazzjoni għolja. Dawn il-korsijiet normalment ma jkunux aċċessibbli għal persuni li qed ifittxu impjieg. Il-korsijiet jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet individwali, b'mod partikolari għal dawk mingħajr għarfien tal-lingwa Żvediża.
 - Passi lejn ix-Xogħol: Din il-miżura hija mmirata lejn benefiċjarji partikolarment vulnerabbli li jistgħu jeħtieġu appoġġ speċjali biex jaċċessaw is-suq tax-xogħol jew biex jissoktaw bl-edukazzjoni.
 - Allowances: Titħallas allowance lil dawk li jagħmlu internship jew li jkunu qed iħejju biex jifflu n-negozju tagħhom stess. Titħallas allowance għall-attivitajiet lil dawk li jipparteċipaw b'mod attiv fil-miżuri ta' taħriġ offruti. Titħallas allowance għall-mobbiltà biex tkopri l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-ġarr jekk jinstab impjieg għid f'reġjun ieħor. Jistgħu jiġu rimborżati l-ispejjeż tal-ivvjaġġar għall-parteeipazzjoni f'intervisti għal xogħol barra mill-belt.
33. Ħiliet diġitali u ekoloġiċi: Dawn il-miżuri jipprovdu għat-tixrid tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali u f'ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/691. Il-miżuri kkoordinati tfasslu f'konformità mal-ħtiġijiet tal-ħiliet li jirriżultaw mill-era industrijali diġitali u mit-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar effiċjenti fir-rizorsi¹⁵. Il-miżuri jinkludu wkoll il-validazzjoni tal-esperjenza preċedenti.
34. L-azzjonijiet proposti, deskritti hawnhekk, jikkostitwixxu miżuri ta' politika attivi tas-suq tax-xogħol fl-ambitu tal-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2021/691. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwux il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
35. L-Iżvezja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar miżuri li huma obbligatorji għall-intrapriża kkonċernata permezz tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kollettivi. F'konformità mal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, l-Iżvezja kkonfermat li dawn il-miżuri ma humiex se jiġu ssostitwiti b'kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

Baġit stmat

36. Il-kostijiet totali stmati huma ta' EUR 14 210 537, li jinkludu n-nefqa ta' EUR 13 663 977 għas-servizzi personalizzati u n-nefqa ta' EUR 546 560 għall-attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, kif ukoll ta' kontroll u rappurtar.
37. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba mill-FEG hija ta' EUR 8 526 322 (60 % tal-kostijiet totali).
38. Skont l-Artikolu 8(7), il-punt (m), tar-Regolament (UE) 2021/691, l-Iżvezja speċifikat li l-prefinanzjament u l-kofinanzjament nazzjonali huma pprovduti minn Arbetsförmedlingen (is-Servizz Pubbliku Żvediż tal-Impjiegi).

Miżuri	Għadd stmat ta'	Kost stmat għal kull	Kostijiet totali stmati (EUR) ¹⁷
--------	-----------------	----------------------	---

¹⁵ Eżempji tal-kontenut tal-kors huma l-kontroll loġiku programmabbli (PLC, programmable logic control), l-awtomatizzazzjoni industrijali, il-ġestjoni tal-produzzjoni diġitali, it-teknoloġija effiċjenti fl-enerġija u l-ipprogrammar bażiku.

	parteċipanti	parteċipant (EUR) ¹⁶	
Servizzi personalizzati (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Valutazzjoni fil-fond u ppjanar individwali (Kartläggning och individuell planering)	5 800	57	330 688
Attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg u kkwċjar (Jobbsökaraktiviteter och coaching)	1 000	29	28 508
Attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg u kkwċjar permezz ta' fornituri (Jobbsökaraktiviteter och coaching via privata leverantörer)	500	1 824	912 242
Appoġġ biex wieħed jibda n-negozju tiegħu stess (Stöd vid start av eget företagande)	50	1 642	82 102
Appoġġ għall-investment start-up (Investeringsstöd)	100	21 715	2 171 502
Taħriġ għas-suq tax-xogħol (Arbetsmarknadsutbildning)	510	9 697	4 945 539
Korsijiet ta' taħriġ fis-sistema edukattiva regolari (Utbildning inom ordinarie utbildningssystem)	40	17 105	684 182
Passi għax-Xogħol (Steg till arbete (STA))	50	6 769	338 442
Subtotal (a): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati	—		9 493 205 (69,48 %)
Allowances u inċentivi (miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691)			
Allowance għall-attivitajiet waqt li jsir internship jew għat-tħejjija ta' intrapriża start-up (Finansiellt stöd (Aktivitetsstöd) för praktik och starta eget)	150	5 473	821 018
Allowance għall-mobbiltà (Flyttbidrag)	150	1 824	273 673

¹⁷ It-totali ma jaqblux minhabba l-ittondjar.

¹⁶ Biex jiġu evitati d-deċimali, ġew ittondjati l-kostijiet stmati għal kull ħaddiem. Madankollu l-ittondjar ma għandu l-ebda impatt fuq il-kost totali ta' kull miżura, li jibqa' bħal fl-applikazzjoni ppreżentata mill-Iżvezja.

Allowance għall-attivitajiet (Finansiellt stöd (Aktivitätsstöd))	550	5 473	3 010 400
Indennizz tal-ivvjaġġar għall-parteċipazzjoni fl-intervisti (Finansiellt stöd för resa vid anställningsintervju)	200	328	65 681
Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati:	—		4 170 772 (30,52 %)
Attivitajiet skont l-Artikolu 7(5) tar-Regolament (UE) 2021/691			
1. Attivitajiet preparatorji	—		63 071
2. Ġestjoni	—		456 121
3. Informazzjoni u pubbliċità	—		13 684
4. Kontroll u rappurtar	—		13 684
Subtotal (c): Perċentwal tal-kostijiet totali:	—		546 560 (3,85 %)
Kostijiet totali (a + b + c):	—		14 210 537
Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-kostijiet totali)	—		8 526 322

39. Il-kostijiet tal-miżuri identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala miżuri skont l-Artikolu 7(2), it-tieni subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/691 ma jaqbmux il-35 % tal-kostijiet totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. L-Iżvezja kkonfermat li dawn il-miżuri huma kundizzjonali għall-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira f'attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg jew ta' taħriġ.
40. F'konformità mal-Artikolu 7(2), ir-raba' subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691, l-Iżvezja kkonfermat li l-kostijiet tal-investimenti għall-impjieg indipendenti, l-intrapriżi start-up u l-akkwiżizzjoni maġġoritarja mill-impjegati ma humiex se jaqbmux t-EUR 22 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliġibbiltà tan-nefqa

41. L-Iżvezja bdiet tipprova s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-25 ta' Ottubru 2024. Għalhekk, in-nefqa fuq il-miżuri se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-25 ta' Ottubru 2024 sa 24 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament, bl-eċċezzjoni ta' korsijiet ta' edukazzjoni jew ta' taħriġ li d-durata tagħhom hija ta' sentejn jew aktar, li se jkunu eliġibbli sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.
42. L-Iżvezja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fil-25 ta' Ottubru 2024. In-nefqa għall-attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, kif ukoll ta' kontroll u rappurtar għandha għalhekk tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-25 ta' Ottubru 2024 sa 31 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni ta' Finanzjament.

Sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

43. L-applikazzjoni fiha deskrizzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll meħtieġa skont l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2021/691, li tispeċifika r-responsabbiltajiet

tal-korpi involuti. L-Iżvezja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita minn Arbetsförmedlingen, is-Servizz Pubbliku Żvediż tal-Impjiegi, bħal fil-każijiet preċedenti tal-FEG. Arbetsförmedlingen jaġixxi bħala l-awtorità ta' ġestjoni u ta' ħlas. L-Unità tal-Kooperazzjoni Internazzjonali u tal-UE fl-Uffiċċju tad-Direttur Ġenerali għandha r-responsabbiltà ġenerali għall-ġestjoni tal-miżuri tal-FEG. L-Unità tal-Kontabbiltà u tar-Rappurtar fid-Dipartiment tal-Finanzi hija responsabbli għall-ġestjoni tar-riżorsi finanzjarji. Ġiet deżinjata wkoll funzjoni ta' ċertifikazzjoni biex tiċċertifika l-kontijiet finali tal-proġett. L-Iżvezja nnotifikat ukoll li kumpanija indipendenti tal-awditjar minn sorsi esterni se tiġi kkuntrattata mill-awtorità manġerjali biex tipprowdi opinjoni tal-awditjar dwar jekk in-nefqa li għaliha ġie pprovdut kofinanzjament mill-UE hijiex legali u regolari, il-kontijiet li jagħtu dettalji dwar in-nefqa tal-programm jagħtux stampa vera u ġusta, u s-sistemi ta' kontroll stabbiliti jiffunzjonawx kif xieraq.

Impenji pprovduti mill-Istat Membru kkonċernat

44. L-Iżvezja pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa fir-rigward ta' dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u għall-implimentazzjoni tagħhom,
 - ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi jkunu ġew issodisfati,
 - kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi prevenut,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta baġitarja

45. L-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027¹⁸ emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024¹⁹.
46. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2021/691, u wara li qieset l-għadd ta' benefiċjarji fil-mira, il-miżuri proposti u l-kostijiet stmati, il-Kummissjoni tipprowdi li jiġi mmobilizzat l-FEG għall-ammont ta' EUR 8 526 322, li jirrappreżenta 60 % tal-kostijiet totali tal-miżuri proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
47. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza, tar-Regolament (UE) 2021/691, u kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar

¹⁸ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

¹⁹ ĠU L, 2024/765, 29.2.2024

kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji godda²⁰.

Atti relatati

48. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat l-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 8 526 322 għal-linja baġitarja rilevanti.
49. Fl-istess waqt li adottat din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mmobilizzat l-FEG, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar kontribuzzjoni finanzjarja li tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 110 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509²¹. Dik id-deċiżjoni ta' finanzjament se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Kummissjoni tiġi nnotifikata bl-approvazzjoni tat-trasferiment baġitarju mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill skont l-Artikolu 15(2), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2021/691.

²⁰ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

²¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni), ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Iżvezja – EGF/2025/003 SE/Northvolt

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013²², u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda²³, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-għan tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) hu li juri solidarjetà u li jippromwovi impjeg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti ta' ristrutturar kbar u jgħinjom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjeg sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) L-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093²⁴ emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765, u fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2021/691.
- (3) Fis-16 ta' Ġunju 2025, l-Iżvezja ppreżentat applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691, fir-rigward tas-sensji tal-ħaddiema f'Northvolt (Northvolt AB) u tas-sussidjarji tagħha kif ukoll fi 13-il sottokuntrattur, fornitur u produttur downstream fl-Iżvezja. Din ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali pprovduta f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2021/691. Dik l-applikazzjoni titqies li tikkonforma mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/691, abbażi tal-valutazzjoni li saret mill-

²² ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>.

²³ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2020/1222/oj.

²⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

Kummissjoni fil-Proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵.

- (4) Għalhekk, l-FEG jenħtieġ li jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 8 526 322 fir-rigward tal-applikazzjoni ppreżentata mill-Iżvezja.
- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2025, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 8 526 322 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika minn *[id-data tal-adozzjoni tagħha]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

²⁵

COM(2025) 621

*

Id-data għandha tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.